# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**115.** **12 ta' NOVEMBRU 1910.** **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


## L-ELEZJONI.

L-Elezjoni biex jagħżlu żeŭġ Cunsilieri għal l-Eŭŭel u is-Seba Distrett, f'loc il Contin u Avucat Caruana-Gatto u it-Tabib Pullicino korbot; u għalhecc l-Eletturi ta' daŭna iż-żeŭġ Distretti hemm bżonn li jibdgħu jħabblu rashom ftit biex jaraŭ il min sejjrin jatu il vot tagħhom. Ħalli nibda infehimcom mela ftit fuk hiex sejjra issir din l-Elezjoni u chif għandcom taħsbuha biex toħorġu ta' irgiel u tcunu tasseŭ imxejtu għall gid ta'l pajjis.

Dari l-Elezjoni chienet issir bejn Poplu u Gvern; il-lum, u l-actar d'id-darba, sejjra issir bejn Poplu u Poplu billi b'għajb u ħsara cbira interak jeŭ ferkuh f'żeŭġ partiti. Dina l-Elezjoni sejjra issir fuk il qŭestjoni ta'd-DIMISSJONI BISS.

Intom tafu li is-Sur Cicc u Sħabu ŭara li ŭiegħdu f'il programma tagħhom li malli jitħmu li il Ministru ma hux bi ħsiebu jatina xejn actar għandhom jitilku, u tafu ucoll li il Ministru dan ġa kalu u imbagħad għatteŭ ix-xemx b'il għarbiel, bl-*as at present advised*, li f'il ħin li chienet logħba biex il Cunsilieri jibkgħu hemm fuk is-Sur Cicc sejjħilha *trionf*.

Tafu ucoll li fl-aħħar ta' Mejju li għadda il poplu ixxeŭŭex u riedhom b'il forz jinżlu minn hemm fuk, jeŭ għallankas li it-tnejn ta'l Esecutiv, is-Sur Cicc u is-Sur Cachia-Zammit (daŭc li huma imħallsin bi tliet mitt lira f'is-sena u li is-salarju tagħhom hu fuk il-*lista civili* igifieri bħal ta'l impjegati ta'l Gvern) jitilku minn hemm bħala protesta ta'l imgieba ħażina ta'l Gvern magħhom, u tafu ucoll li it-tliet mitt lira ma'l post għoli ta'l Esecutiv ma telkuhomx u għall Legislativ giebu l-iscuża li ma riedux jerħu biex il Gvern ma jmurx ijħalli għal sena il Cunsill bla Cunsilieri (Alla ħares katt!) u jgħassed dac li jrid hu bi ħsara cbira ta'l pajjis. Biss ŭiegħdu lil poplu f'id-DICHIARAZJONI FAMUSA li għamlu li għandhom jitilku fl-14 ta' Ottubru li għadda biex il Gvern ijcollu b'il forz jagħmel l-Elezjoni u il Cunsill ma jibkax bla Cunsilieri. L-14 ta' Ottubru ŭaslu u il Cunsilieri Azzopardi, Mercieca, Cachia-Zammit, Bonnici, Said u Mattei ma telkux. It-tnejn li s'issa telku chif ŭiegħdu huma il Contin u Avucat Carŭana-Gatto u it-Tabib Pullicino.

Haŭn il poplu imkasam. Biċċa m'il ħbieb ta's-Sur Azzopardi li jixtiekuh jibka fl-Esecutiv għaliex jista jŭeżinhom palata f'xi ħaġa żammeŭ miegħu u kalu li contra cull ŭiegħda li għamel għandu jidħak b'il poplu u jħabbatlu ma' ŭiċċu il programm u id-*dichiarazjoni* bl-iscuża li jecc jitilku tcun ħsara cbira għalina; il cotra ta'l poplu indipendent, li m'is-Sur Cicc u m'il Esecutiv ma jistenneŭ xejn nafru għaliex kalu li ma hux seŭŭa li is-Sur Cicc u Sħabu biex jibkgħu hemm fuk għal l-interessi tagħhom għandhom jidħku b'ŭiċċ hecc tost b'il poplu u jonksuh hecc bla misthija minn dac li ŭiegħduh għal chemm il darba, u daŭna naħseb li għandhom m'hux raġun iżda elf ŭieħed.

Mela iż-żeŭġ partiti fl-Elezjoni li gejja sejjrin ijcunu daŭn it-tnejn:—

Ŭieħed ma's-Sur Cicc u Sħabu biex ijgħid li daŭc il Cunsilieri li daħku f'ŭiċċ il poplu u naksuh m'il ŭiegħdiet li għamlulu għandhom raġun u għamlu seŭŭa biex ijsalvaŭ il pajjis u m'hux it-tliet mitt lira chif jaħsbu ħażin ħafna.

Il partit l-ieħor «PRO DIMISSIONE» ijrid billi jtalla l'it-Tabib Pullicino m'il ġdid u ieħor f'loc il Contin Caruana-Gatto, ijċanfarhom talli daħku b'il poplu b'dana il mod hecc tost u chiefer u biex ijfiehimhom li il poplu ma jridhomx hemm fuk actar għaliex talli daħku bih tilef fihom il fiduċja tiegħu collha.

Mela l-Elezjoni sejjra issir fuk il qŭestjoni ta'l FIDUĊJA u ta'd-DIMISSJONI biss.

Jecc jidrilcom li is-Sur Cicc u Sħabu għamlu seŭŭa u ta' rgiel li naksu minn chelmithom f'dac collu li ŭiegħdu u -daħ

ku b'il poplu f'üiċċu bla mishtija ta' xejn, allura ivvotaü għa'ż-żeüġ Candidati li jresskilcom is-Sur Cicc. Jecc jidrilcom li intom poplu li għad bakgħilcom farca dinjità tagħcom infuscom u ftit irġulija li ma tħallux min jirfiscom bħal ħasira u jgħoddcom agħar m'id-dubbien biex jagħmel fattieh u jimla il ħaüsla; jecc jidrilcom li min ijüiegħed ħaġa f'programm jeü f'dichjarazjoni għandu ijżomm chelmtu u m'hux jagħmlu biex jinkeda biss, jecc jidhrilcom fi ftit cliem li is-Sur Cicc u Sħabu għamlu ħażin li daħku b'il poplu f'üiċċu u naksu minn chelmithom tellgħulhom il Candidati contrarji li ingħidulcom min huma aħna ħalli għal-lankas nuruhom li aħna ma aħniex kiegħdin inservuhom ta' xemgħa, li aħna minn daüc li ma inħallux min ijmixxina minn imnieħirna għal l-interessi u l-ambizjoni tiegħu.

## FRAC.

Il ħabib tiegħi Ninu Vella ta' Bormla għarrafni li fl-articolu fuk il «Cottonera» li deher f'dina il gazzetta ftit numri ilu chien hemm sball billi fl-istampa kakżu vers. Dun Dovic f'loc Mifsud-Bonnici jrid jigi Mifsud-Tommasi, u Mifsud-Bonnici chienu Clement u ħuħ żeüġ chittieba m'il aħjar li katt chellna b'il malti. Nirringrazzjah b'il kalb talli nebbaħni.

★

Nirringrazzja l'id-Direttur ta'l Oratorju Salesjan ta' Birchircara m'il istedina li għamilli għal festa sabiħa li saret fl-għeluk ta'l 25 sena li ilu jkaddes il ħabriechi u għaref Propostu Dun Alfons Borg. Smajt li collox irnexxa b'üiċċ il gid.

★

Fl-eüüel ta' Novembru billi lil Cnisja ta's-Sorijiet Agostinjani ta' Ħal Kormi taühom statüa ta' Sta: Rita saru żeüġ pellegrinaġġi sbiħ b'it-tħabric ta' Dun Ġużepp Grech ta' Ħaż-Żebbuġ u ta'l Can. Dun G. B. Porsella li għamel priedca sabiħa ħafna. Ħadu sehem ucoll is-Sorijiet bl-educandi u collox irnexxa b'devozjoni cbira.

★

Nhar il Ħadd li għadda saret l-eüüel Taħdita ta's-sena fuk il Mard-ta't-Trabi billi is-Sur Levanzin mar f'il għodu il Mosta u tchellem f'il misraħ ma xi sitt mitt ruħ (il biċċa il cbira nisa) li ġabarlu il ħabriechi Arcipriet ta' hemm Mallia. Üara kassam ħafna carti b'xejn b'ħafna tgħallim sabiħ fuk is-saħħa ta'l ulied u ma'l b'kija ta'l ġurnata, ma' martu, u b'il għajnuna ta'l popolari Dun Ġużepp Dimech, dar ħafna djar billi għallem lil bosta ommijiet fokra chif għandhom jimxu biex uliedhom ma jmutulhomx b'in-neħħa ta'l imsaren (*enterite*). Ħabircu ucoll biex dana il gid għall poplu irnexxa ħafna Dun Ġüann Abela, Dun Paül Camilleri u is-Sotta-Ispettur Zammit. Nhar il Ħadd, jecc ijcun bnazzi, it-Taħdita issir is-Siġġieüi.

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seüda għal cotba jeü għal ġurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux,** bi rħis, jicteb Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

## "Jahasra".

— —

Ta' cull filgħodu—kabel ma jisbaħ
Fi ħdan it-tieka—għasfur insib,
Rasu ċchejcuna—għajnejh ijlekku,
Rixu ħamrani,—m'il-leün iż-żbib.

Ħafif daks berka,—ħalku dlonc jiftaħ,
Dac leħnu jsamma',—lili u 'l girien;
Ġuinħajh ijferfer,—titjira üaħda,
Għal fuk is-siġra—ta' nofs il ġnien.

Cont drajtu ġmieli,—ma' kalbi rbattu,
Ta' cull' filgħodu—*tic, tic,* ma'l ħġieġ;
Jakbeż xi kabża,—tisfira jsaffar,
Xi kanba jnakkar,—minn ta't-tigieġ.

Darba chien sebaħ,—ma smajt xejn ħossu,
Ħsibtu li nakas—għ'ax chien il bart....
F'il bitħa ninżel...—«Ommi x'k'ed nara!»
Il għasfur mejjet,—mixħut ma'l art!

F. B.

( *M'is-«Sebħ»* )

(*It-Tabib Fabriz Borg.*)

## TLAKKIT.

( *Jissocta minn numru ta' kabel.* )

**Mrs Hamilton,** ingliża minn Townend, għalket ma ilux mija u sitt snin, u għalhecc għixet taħt il ħacma ta' sitt slaten ingliżi billi chellha sittax il sena meta Ġorġ it-Tielet miet. Üarajh laħku Ġorġ ir-Raba, Gulielmu Erbgħa, ir-Regina Vittorja, Düardu Sebgħa u Ġorġ il Ħames. Lord Weymyss għix l-istess u għandu 92 sena.

**Il premju** ta'l-lotterija ta'l Carità Franciża ħadu dan l-aħħar certu Ferre, impjegat ma'l Gvern Ingliż f'il Gżira Maürizju u jlaħħak **erbgħin elf lira sterlina.** Il biljett chien xtrah meta mar jara l'in-niesu fi Franza.

**Jifħmu li sa ħames snin oħra** il vapuri-ta'l-arja jcunu jiġru ma'l ħamsa u sebgħin mil f'is-siegħa, igifieri li b'üieħed minnhom tcuu tista f'siegħa tasal minn haün għal Serkuża, u jecc dana il vapur-ta'l-arja jitla f'il għoli fejn l-arja hi actar ħafifa jcun jista jiġri sa mija u għoxrin mil f'is-siegħa, igifieri li f'siegħa jcun jista jasal minn haün sa Catanja, u b'hecc ijcun jista jdur ma'd-dinja tond f'gimgħa billi jiġri ma't-tliet t-elef mil cull jum. Tasseü li min jibka ħajj għad ijrid jara ħafna ħüejjeġ ta'l għageb.

**Cleptomanija** hi dic il marda li mħabba fiha üieħed jisrak contra ir-rieda tiegħu, u daüna l-imsejcnin ijcunu actarx nies għonja li ma għandhom bżonn ta' xejn iżda li meta jaraü xi ħüejjeġ li bosta drabi jcunu jkumu ftit flus, ma jcunux jistgħu jagħmlu ieħor li ma jitfgħuhomx f'il but.

( *Jissocta.* )

# IL "BALLU IN MASCHERA."

Dina l-opra hi kadima seũ̃a iżda mħabba f'il ġmiel tagħha ma bi ħsiebhiex tintesa għal issa. Ma hemmx bżonn ingħidilcom li il musica hi ta' Verdi għaliex jafu cullħadd. Ta' min hu il-librett ma nafux billi ma hemmx stampat ismu fuk l-edizjoni Ricordi li għandi f'idejja.

Il PERSONAĠĠI huma:—

RICCARDU, Conti ta' Warwick, Gvernatur ta' Boston (*Tenur*).

RENATU, creolu, is-segretarju ta'l Conti u il għarus ta' Amelja (*Baritonu*).

AMELJA, il għarusa ta' Renatu (*Primadonna*).

ULRICA, saħħara seũda (*Contralt*).

OSCAR, paġġ (*Primadonna*).

SILVANU, baħri (*Baxx*).

SAMUEL u TOM, għedeũũa ta'l Conti (*Baxxi*).

Imħallef, seftur ta' Amelja u oħrajn ankas importanti.

Il ĠRAJJA saret f'it-tmiem ta's-seclu sbatax, igifieri xi mitejn sena ilu u f'il Belt ta' Boston u id-dũar tagħha.

L-EŨŨEL ATT.

*Ix-xena turi sala f'il Palazz ta'l Gvernatur. Kiegħed jisbaħ.*

In-nies ta'l Korti jibdgħu jfaħħru lil Conti Riccardu iżda fosthom Samuel u Tom ijtaccru f'id-demm li dana ċarċar ta'l għedeũũa. Haũn joħroġ Oscar, il paġġ, m'il camra ta'l Conti u jgħidilhom li il Gvernatur gejj, u dana chif jiffaċċa jsellmilhom u jakra l-ismijiet ta'n-nisa sbiħ collha li chienu mistiednin għall ballu ta' dic il-lejla. Meta jara l-isem ta' Amalja, li chellu gibda lejha cbira bla tarf għad li chienet il għarusa ta' Renatu, jibda jcanta:—

« *La rivedrà nell'estasi*
*Raggiante di pallore...*
*E qui suonar d'amore*
*La sua parola udrà.*

*O dolce notte, scendere*
*Tu puoi gemmata a festa:*
*Ma la mia stella è questa:*
*Questa che il ciel non ha !*

Haũn joħorġu u jidħol Renatu li jgħidlu li chixet confoffa contra tiegħu u li gieblu l-ismijiet ta'l għedeũũa tiegħu. Riccardu kallu li ma jridx jaf min huma biex ma jcollux ijċappas idejh b'demmhom. Renatu jgħidlu:—

*Alla vita che t'arride*
*Di speranze e gloria piena,*
*D'altre mille e mille vite*
*Il destino s'incatena !*
*Nel tuo cuore il genio palpita*
*Del tuo splendido avvenir.*

*Ma sarà dovunque, sempre*
*Chiuso il varco alle ferite,*
*Perchè scudo del tuo petto*
*È de' tuoi fidi l'affetto ?*
*Dell'amor più desto è l'odio*
*Le sue vittime a colpir.*

Haũn jidħol l-Imħallef biex jitlob lil Conti li jcheċċi m'il pajjis l'is-saħħara Ulrica, iżda Oscar jakbeż għaliha u titlob lil Ricardu li jaħfrilha. Il Conti jsejjaħ il ta' ma' dũaru collha u jistiedinhom biex taħt ilbies ieħor, biex ma jintgħarfux ijmorru il coll għand Ulrica ħalli jakraũ xortihom. L-eũũel ma jersak kuddiemha hu il baħri Silvanu. Dina tgħidlu li xortih sejjra takleb għ'at-tajjeb u hecc jiġri għaliex il Conti jagħmlu fizzjal u jżidlu il paga. Dana joħroġ ma'l oħrajn collu ferħan x'ħin tigi Amalja biex takra xortiha. Il Conti jistaħba biex jisma. Amalja tgħidilha li daħal bniedem ieħor f'kalbha iżda hi ma tistax tħobbu u għalhecc titlobha xi dũũa li tnissihulha. Is-Saħħara tgħidilha li taf b'ħaxixa li tista tlejjkilha kalbha iżda trid tmur taktagħha minn loc straman ħafna. Amalja tũiegeb li hi ma tibżax u tmur issibha. Il Conti meta jisma hecc ijũaħħal f'rasu li għandu jmur ũarajha biex ijgiegħilha tħobbu. Haũn jidħlu ħbieb il Conti biex jisimgħu xortihom iżda Riccardu ried jakra tiegħu l-eũũel. Is-Saħħara kaltlu li l-eũũel ũieħed fost ħbiebu li chien jieħodlu b'idu dic inhar chien joktlu bi tradiment. Hadd minn ta' ma dũaru ma ried jieħodlu b'idu iżda f'il ħin daħal Renatu u billi ma chienx jaf b'il biċċa ħadlu b'idu. Haũn daru fuk is-Saħħara u kalulha li ghidbet għaliex Renatu chien l-acbar ħabib ta'l kalb ta'l Conti. Iżda Ulrica compliet tgħid li hi ma tkarrketx u li ma' dũaru il Conti chellu bosta ħbieb karrieka. Il Conti ħallasha u ħareġ u haũn Silvanu u l-oħrajn bdeũ ijfaħħruh chemm jifilħu f'il ħin li Samuel, Tom u xi oħrajn karmċu snienhom b'il moħbi għal mibegħda ċbira li chellhom f'kalbhom mahżuna lejh.

IT-TIENI ATT.

*Ix-xena turi loc straman ftit bogħod minn Boston ħdejn għolja u fejn jidhru żeũġ pilastri. Hu b'il-lejl b'il kamar mitfi.*

Tidher Amalja fuk il għolja mimlija b'il biża, rieska lejn il għalka fejn chellha issib il ħaxixa li ũebblitha biha is-Saħħara. Haũn tara jiffaċċa bniedem li taħsbu xi ruħ u għalhecc mimlija b'il biża tinxteħet f'riġlejh għa'r-rcopptejha u meta tintebaħ li chien il Conti titolbu li jħalliha u jitlak għaliex jecc chien jinduna xi ħadd chienet titlef gieħha għal dejjem u faccritu li hi chienet il għarusa ta'l acbar ħabib li chellu. Riccardu ũiegibha li ma chienx jimpurtah għaliex hu chien mitluf bl-imħabba għaliha. Amelja tgħidlu li hi chienet tħobbu tasseũ iżda talbitu jħalliha għaliex chienet ũiegħdet kalbha lil Renatu. Il Conti jcanta : —

*M'ami !...M'ami !... Oh ! sia distrutto*
*Il rimorso, l'amicizia*
*Nel mio seno: estinto tutto,*
*Tutto sia fuorchè l'amor !*

*Quale soave brivido*
*L'acceso petto irrora !*
*Ah ! ch'io t'ascolti ancora*
*Rispondermi così.*

*Astro di queste tenebre*
*A cui consacro il core:*
*Irradiami d'amore*
*E più non sorga il dì !*

Amelja tũiegbu:—

*Ahi ! sul funereo letto*
*Ove sognava spegnerlo,*
*Torna gigante in petto*
*L'amor che mi ferì !*

*Chè non m'è dato in seno*
*A lui versar quest'anima ?*
*O nella morte almeno*
*Addormentarmi qui ?*

Haũn jasal Renatu u jgħid lill Conti li chien hemm l-għedeũũa tiegħu moħbija f'il krib biex jakbżu fuku u joktluh, u għalhecc jatih il mant tiegħu biex ma jagħirfuhx u jgħidlu mnejn għandu jgħaddi biex jaħrab u jsalva rasu. Haũn Ame-

# "IŻ-ŻUNŻANA."

Da'l ŭakt sejjra tibda toħroġ dina il gazzetta ġdida b'il Malti u li sejjra tcun suppliment ta'n-«Naħla» tiegħi.

Nisthajjilcom tgħiduli: «X'hemm bżonnha? ma għandecx in-«Naħla,» din ma hix b'iż-żejjed?» Meta infehimcom għala sejjer noħrogħa taraŭ intom stess chif tatuni raġun.

In-«Naħla» ħlakta biex ingħallem il poplu u irnexxiet actar milli katt ħsibt jiena għaliex lakgħuha u ferħu biha l-aħjar nies u l-actar intelligenti ta'l pajjis. Iżda bosta oħrajn ma humiex ħlief ijgħemgmu li jridu jakraŭ l-aħbarijiet, il baned ijridu il programmi, l-imsieħbin ijridu in-necrologiji, id-devoti ijridu il festi, xi uħud ijridu il polemichi, aħna cull tant ijcollna bżonn niddefendu ruħna contra il għideb u it-tnassis ta'l għedeŭŭa tagħna u ta' daŭc li in-«Naħla» tiegħi iġġiegħilhom tant jitkagħŭxu bl-ugiegħ ta' żakk. Fi ftit cliem, billi il «*Malta Tagħna*» ilha toħroġ fuk għoxrin sena u għal żmien tŭil chienet timraħ hi biss f'idejn il poplu baxx, dana dara jakra daŭc l-affarijiet għad li fihom il ħajja biss ta' mument u jridhom.

Jiena biex niccuntenta il culħadd u naktagħlu xeŭktu sejjer ma indumx ma noħrorġ gazzetta oħra ta' cull gimgħa li tatiħ dac collu li soltu jakra f'il «*Malta Tagħna*» u aħjar, cull tant bl-istampi u b'il premji, u

## B'NOFS PREZZ

billi għad li jcun DAKS il «*Malta Tagħna*» ma jcunx ijkum ħlief ŻEŬĠ XELINI F'IS-SENA (sitt ħabbiet cull numru) li jitħallsu xelin cull sitt xhur b'il kuddiem. L-ispejjes ta'l posta jitħallsu barranin. Min hu imsieħeb f'in-«Naħla» ma jħallasx ħlief XELIN F'IS-SENA BISS ACTAR u posta ma jħallasx barranija billi jircevih ma'n-«Naħla» bħala *supplement*. Dana ix-xelin jitħallas f'dakka u bil kuddiem.

B'hecc in-«Naħla» tibka *rivista* u jcun fiha m'il bidu sa'l aħħar ħŭejjeġ ta' tagħlim biss, u il frac, l-aħbarijiet, in-necroloġiji u il ħŭejjeġ l-oħra jgħaddu f'IŻ-ŻUNŻANA billi dina tcun gazzetta li meta tinkara ŭieħed jista jkattagħha għaliex l-aħbarijiet ijmutu malajr u in-«Naħla» tiftaħ actar il ŭisa għat-tagħlim li jibka jinġabar sa il karrejja ta'l malti jcollhom ENCICLOPEDIJA minnha li isservi lilhom u lill uliedhom.

Id-daks ijcun l-istess ta'n-«Naħla» u bl-istess carta, biss b'ERBA faċċati f'loc bi tmienja. Dina tcun tinbiħ f'it-torok ucoll iżda B'IS-SOLD IL COPJA. Mela jakblilcom actar li tissieħbu u MIN JIBGHAT JISSIEHEB MA TUL DANA IX-XAHAR MA' L-EŬŬEL HLAS LI JAGHMEL JIEHU B'RIGAL IL «MAHBUB TA' GESU': IS-SABIH CTIEB TA'S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI. Mela billi tieħdu dana il ctieb riġal il ħlas ta's-sena jarġa JONKOS B'XELIN u b'hecc l-imsieħbin ta'n-«Naħla» jcunu kiegħdin jieħdu għal l-eŭŭel sena iż-ŻUNŻANA B'XEJN u min ma hux imsieħeb f'in-«Naħla» JCUN KIEGHED JIEHU GHAL-LEŬŬEL SENA GAZZETTA AHJAR M'IL «*Malta Tagħna*» u **B'XELIN BISS** F'LOC B'ERBA XELINI. Dana juri li għad bakagħli iż-żejt għaliex il ġurnalismu għalija hu ideal u passatemp u m'hux maxtura u ħobż ta' cull jum.

L-EŬŬEL MITT IMSIEHEB natihom ucoll copja cull ŭieħed ta'l Eŭŭel Taksima ta's-«SAHHAR FALZUN» u b'hecc l-eŭŭel sena tcun giethom B'XEJN, u daŭc li huma ġa imsieħbin f'in-«Naħla» jcunu fuk ir-rieħ. Mela fittxu ibagħtu issieħbu B'ITTRA MILL ACTAR FIS u jecc fiħa tibagħtu il flus li fehimtcom tircievu il premji.

**A. LEVANZIN.**




SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

FRANCOBOLLI

Min ijrid jixtri francobolli użati għall collezjoni jmur ta's-Sliema, Strada Prince of Wales, Nu. 213, cull jum, minn nofs-inhar il kuddiem, u jħassel ħafna bolli sbiħ b'nofs prezz ta'l Catalogu.

ALFREDU FENECH ijgħarraf lil pubblicu li hu **ma jħallasx id-dejn li tagħmel martu Teresa** jecc ma jsirx b'il permess tiegħu. Itthu mela għajnejcom.

BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgħa, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

L-OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja colha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

INVENZJONI FAMUSA

**li sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric**

UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il «BRITANNIA» ta' Sda. it-Torri.**



Min hu marid bl-ANEMIJA (jakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħargu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.